MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Numru. 1325/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR CAROL FABRI**
**VS**
**MAJOEDDIN AYAD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Majoeddin Ayad ta’ 34 sena, bin Maftah u Zohra nee’ Ayad, mwieled Libja 20 ta’ Jannar 1977, residenti 24, Arcadia, Triq is- Summiena, Fgura u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 27234A;

Talli f’ dawn il- Gzejjer fl- 24 ta’ Ottubru 2011 jwe fil- jiem u x- xhur ta’ qabel, b’ diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u jkunu gew  maghmula b’r isoluzzjoni wahda;

1) ikkommetta serq ta’ cekkijiet tal- Bank of Valletta mahruga fuq kont bankarju numru 11805646014 bi hsara ta’ Mrs. Joanna Briffa u l- Bank of Vallletta liema serq hu aggravat bil- persuna u bil- lok;
2) u aktar talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’ att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat b ‘ falsfifikazzjoni jew b’ tibdil ta’ skrittura jew fil- firem, billi halaq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il- pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’ dawk l- atti jwe skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi xied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
3) aktar talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falza;
4) aktar talli f’d awn il- Gzejjer, fit- 18 ta’ Ottubru 2011 b’ mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi werga haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ €1,311.72 ghad- dannu ta’ Panta Retail Ltd;
5) kif ukoll f’ dawn il- Gzejjer fil- 25 ta’ Awwissu 2011 b’ mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann jewbilli wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika ghamel qligh ta’ 66 ghad- dannu tas- Sinjura Joanna Briffa;
6) kif ukoll talli b’ hekk sar recidiv ai terminu tal- Artikoli 49 et sequitur tal- Kodici Kriminali b’ sentenza moghtija mill- Qorti tal- Magistrati datata 23 ta’ Gunju 2011;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni wara li wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

L-imputat f'din il-kawza qabad u ha l-ligi b'idejh. Hu kellu jithallas ta' xoghol li kien ghamel lill-parti leza, Joanna Briffa, u wara li ma kienx thallas, hu ha cekkijiet taghha biex jithallas minghajr l-awtorizzazzjoni taghha. Wara li sar rapport lill-Pulizija, hu ammetta l-agir tieghu u radd lura dak li kien ha illegalment. Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti sejra timponi fuq l-imputat sanzjoni fil-komunita' ai termini tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 268, 269, 183, 184, 308, 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------